MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1140/2011

**Michael Attard Limited (C-32362)**

***kontra***

**Albert Vella (ID 200858M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fit-18 ta` Novembru 2011 li jaqra hekk –

*Illi l-intimat kien accetta u ffirma a favur tas-socjeta` rikorrenti diversi kambjali;*

*Illi l-intimat jinsab debitur lejn is-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` mija tmienja u ghoxrin elf mija u tmienja u disghin Euro u tlieta u tmenin centezmi (€128,198.83) rapprezentanti bilanc ta` import ta` tliet mija u wiehed u ghoxrin (321) kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-intimat, kopji hawn annessa u mmarkati komplessivament bhala Dok. MA1;*

*Illi l-intimat gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu pero` dan baqa` inadempjenti;*

*Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti l-intimat ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq ghall-hlas ta` dan id-debitu;*

*Ghaldaqstant jghid l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiddeciedi billi:*

*1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` mija tmienja u ghoxrin elf mija u tmienja u disghin Euro u tlieta u tmenin centezmi (€128,198.83) rapprezentanti bilanc ta` import ta` tliet mija u wiehed u ghoxrin (321) kambjala skaduti, accettati u ffirmati mill-intimat, bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta` Qbid Kawtelatorju u tal-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju prezentati kontestwalment, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-kumpannija attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors mahluf.

Rat in-nota tal-konvenut prezentata fis-6 ta` Jannar 2012 a tenur ta` l-Artikolu 170(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Semghet lill-konvenut jixhed fl-udjenza tal-lum fejn *inter alia* accetta li huwa debitur tal-kumpannija fl-ammont u skond il-kawzali indikati fir-rikors guramentat.

Illi fl-udjenza tal-lum din il-Qorti ddikjarat ruhha mhux sodisfatta li l-konvenut kellu eccezzjonijiet validi x'jaghti kontra t-talba attrici.

Rat in-nota prezentata fl-udjenza tal-lum fejn il-kumpannija attrici irriduciet il-pretensjoni taghha ghas-somma ta` mija u erbgha u ghoxrin elf tmienja u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€124,068.88) rapprezentanti tliet mija u tlettax (313)-il kambjala kollha skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut.

**Ghaldaqstant, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpannija attrici s-somma ridotta ta` mija u erbgha u ghoxrin elf tmienja u sittin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€124,068.88) rapprezentanti l-import ta` tliet mija u tlettax (313)-il kambjala, kollha skaduti, accettati u ffirmati mill-konvenut, bl-imghax legali b`effett mid-data tal-iskadenza ta` kull kambjala sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha ta` din il-kawza jibqghu a kariku tal-konvenut, inkluzi dawk tal-mandat ta` qbid kawtelatorju u tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju li kienu prezentati kontestwalment mar-rikors guramentat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------